# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL, TAL-KUMMISSJONI, TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA, TAL-QORTI TAL-AWDITURI, TAL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U TAL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

**tad-29 ta' Ġunju 2012**

**li temenda d-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**

(2012/368/UE, Euratom)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

IL-KUNSILL,

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA,

IL-QORTI TAL-AWDITURI,

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW,

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Billi:

(1) Huwa meħtieġ li tiġi emendata d-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea [1] sabiex tiġi adattata għad-dispożizzjonijiet tat-Trattati kif emendati mit-Trattat ta' Lisbona u, b'mod partikolari, biex jiżdied l-Kunsill Ewropew bħala istituzzjoni firmatarja.

(2) Il-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet qabel fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Lulju 2010 li l-Kunsill Ewropew isir istituzzjoni firmatarja u li, fl-14 ta' April 2011, dik id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom għandha għaldaqstant tiġi emendata,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom hi emendata kif ġej:

1. It-titolu jinbidel hekk, "Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Publikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea".

2. Il-lista ta' istituzzjonijiet u korpi li jippromulgaw tinbidel b'din li ġejja:

"IL-PARLAMENT EWROPEW,

IL-KUNSILL EWROPEW,

IL-KUNSILL,

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA,

IL-QORTI TAL-AWDITURI,

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW,

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI".

[1] ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41.

3. Fl-Artikolu 1(1) l-ewwel subparagrafu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-kompitu tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem l-Uffiċċju), li huwa uffiċċju interistituzzjonali, għandu jkun li jippubblika l-pubblikazzjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli.".

4. L-Artikolu 4(6) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-istituzzjonijiet jistgħu jikkonkludu ftehimiet ta' servizz mal-Uffiċċju sabiex jiddefinixxu l-metodi ta' kooperazzjoni tagħhom. Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jista' jikkoopera wkoll mal-Uffiċċju u, għal dan il-għan, jikkonkludi ftehim ta' servizz.".

5. L-Artikolu 6(1) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Huwa b'dan stabbilit Kumitat tal-Ġestjoni, li fi ħdanu jkunu rappreżentati l-istituzzjonijiet firmatarji kollha. Il-Kumitat tal-Ġestjoni għandu jkun magħmul mir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u mis-Segretarji Ġenerali tal-istituzzjonijiet l-oħra jew ir-rappreżentanti tagħhom. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jieħu sehem fix-xogħol tal-Kumitat tal-Ġestjoni bħala osservatur. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkun rappreżentat mis-Segretarju tal-Bord Eżekuttiv tiegħu jew minn sostitut maħtur minnhom.".

(6) Il-lista tal-firmatarji tinbidel b'din li ġejja:

"Għall-Parlament Ewropew,

Għall-Kunsill Ewropew,

Għall-Kunsill,

Għall-Kummissjoni,

Għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea,

Għall-Qorti tal-Awdituri,

Għall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Għall-Kumitat tar-Reġjuni".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell u fil-Lussemburgu, id-29 ta' Ġunju 2012.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
Martin SCHULZ

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
Villy SØVNDAL

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

*Għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea*
*Il-President*
Vassilios SKOURIS

*Għall-Qorti tal-Awdituri*
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*Il-President*

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON

*Il-President*
*tal-Kumitat tar-Reġjuni*
Mercedes BRESSO